



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Novembru 2021
(OR. en, fr)

13537/21
ADD 1

AGRI 523
ENV 817
FORETS 68
PROCIV 134
JUR 616
DEVGEN 195
RELEX 933
UD 271
PROBA 47
FAO 39

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija l-għdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 - <i>Approvazzjoni</i>

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030

Dikjarazzjoni mill-Portugall, Franza u Spanja

1. Kif ġie ddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment "Sħubija strateġika aktar b'saħħha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE", id-disa' reġjuni ultraperiferiċi jikkostitwixxu assi straordinarju għall-Unjoni Ewropea (UE), hekk kif dawn jarrikkixxu lill-UE ekonomikament, kulturalment u ġeografikament, u jipprovdu kemm aċċess strateġiku għall-baħar kif ukoll assijiet naturali uniċi, billi dawn jospitaw 80 % tal-bijodiversità tal-Unjoni.
2. Għalhekk, il-Portugall, Franza u Spanja jqisu r-referenza għar-Reġjuni Ultraperiferiċi fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 (paragrafu 12) bħala mezz kif tiġi enfasizzata aktar il-ħtieġa li jiġu rrispettati, protetti u miżmuma d-diversità u l-ispeċifità tal-bijodiversità u l-ekosistemi tal-foresti tar-reġjuni ultraperiferiċi.

Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar -Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030

Il-foresti għandhom rwol fundamentali f'żewġ sfidi ewlenin għall-umanità, jiġifieri t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità.

L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 tiddefinixxi l-qafas għal azzjoni mmirat lejn l-iżgurar tat-tkabbir, is-saħħa, id-diversifikazzjoni u r-reżiljenza tal-foresti fl-UE sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ambizzjonijiet tagħna għall-bijodiversità u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Il-foresti mhux reżiljenti fi stat ħażin ta' saħħa ma għadhomx jistgħu jaqdu rwol multifunzjonali u jipprovdu d-diversi servizzi assoċjati tal-ekosistema.

Bħala rimedju għal dan, neħtieġu strateġija għall-foresti li tipprijoritizza li l-foresti Ewropej isiru reżiljenti, b'saħħithom u diversifikati u li tagħtihom status ta' konservazzjoni favorevoli f'termini ta' bijodiversità. Din hija prerekwiżit sabiex il-foresti jkunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet soċjoekonomiċi tagħhom, b'mod partikolari l-funzjoni produttiva tagħhom, għad-deċennji li ġejjin. F'dan il-kuntest, fil-fehma tal-Lussemburgu, il-miżuri proposti mill-Kummissjoni Ewropea huma t-tajbin biex jintlaħqu dawn l-oġettivi, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Il-Lussemburgu jqis li l-Istrateġija msemmija hawn fuq tilħaq bilanċ tajjeb bejn it-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-foresti Ewropej għall-futur u biex titwettaq din il-viżjoni ta' foresta reżiljenti, b'saħħitha u bijodiversa li ser trendi benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.

Fir-rigward ta' dan ta' hawn fuq, il-Lussemburgu mhuwiex konvint dwar il-formulazzjoni "JENFASIZZA li l-Komunikazzjoni tkun teħtieġ viżjoni bilanċjata dwar id-dimensjonijiet differenti tas-sostenibbiltà" fil-paragrafu 7 f'dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill.